MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0004/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Guido Sacconi f'isem il-Grupp PSE
lill-Kummissjoni

Suġġett: L-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq l-industrija tal-karozzi

- Billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali qed tolqot b'mod ġenerali lill-ekonomija Ewropea, u b'mod partikolari lil setturi bħal ma huma l-industrija tal-karozzi u s-subkuntratturi tagħha, li qed tħoss l-effetti tal-kriżi f'livell ekonomiku, soċjali u ta' impjiegi, u hija diġà milquta minn għadd kbir ta' sensji u ħlasijiet għal ħaddiema li ngħataw is-sensja;

- billi fis-26 ta' Novembru 2008 il-Kumissjoni Ewropea nediet pakkett ta' miżuri li jitolbu lill-Istati Membri u lil istituzzjonijiet oħra tal-UE bħal ma huma l-EIB u l-EBRD biex jappoġġjaw ftehima industrijali ġdida għall-ekonomija tal-UE f'daż-żmien iebes billi jtejbu l-effiċjenza enerġetika u jżommu l-livelli ta' impjieg;

- billi t-twettiq tal-miżuri leġiżlattivi tal-pakkett dwar il-klima u l-enerġija li ġie adottat f'Diċembru jista' jkollu rwol fondamentali biex jiġu promossi investimenti favur l-ambjent u l-konservazzjoni tal-enerġija fis-settur tal-industrija tal-karozzi kif ukoll f'setturi relevanti oħra b'benefiċċji ċerti għas-setturi relatati.

Kif inhi beħsiebha l-Kumissjoni tirrinforza intervent koordinat tal-Istati Membri kollha li jipprevedi inċentivi għas-settur tal-industrija tal-karozzi u tal-industriji satelliti tagħha li huma marbutin ma' politiki ta' innovazzjoni u ta' riduzzjonijiet tal-emissjonijiet tas-$CO_2$?

Il-Kummissjoni hija tal-opnijoni li huwa neċessarju li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jimplimentaw u jaġġornaw il-proċeduri interni tagħhom biex il-Fond Soċjali Ewropew isir iktar flessibbli, effettiv u kapaċi li jirrispondi b'ħeffa għal sitwazzjonijiet ta' kriżi?

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li huwa neċessarju li jiġi revedut il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF), minħabba l-impatt ekonomiku u soċjali tas-sitwazzjoni attwali u sabiex jiġu żgurati politiki ta' koeżjoni fl-UE?

Imressqa: 14.01.2009
Mibgħuta: 16.01.2009
Skadenza: 23.01.2009